**268. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 1986, u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 1985.

A. **<u>Provvidementi Ġenerali</u>**

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu hi għandha tiltaqa' fid-9.00 u x-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu iktar minn tliet siegħat.

2. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis għandu jsir biss xogħol tal-Gvern.

3. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Generali, 1986 jew l-Estimi Supplimentari 1985, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-agenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u wara li jgħaddi x-xogħol jkollu li jkun jidher fuq l-agenda jitressaq l-aġġornament.

B. **<u>Estimi Ġenerali 1986</u>**

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 1986, u l-ewwel seduta min dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mill-limiti ta' ħin għad-diskorsi.

2. Illi fis-seduti mħollija għall-Kumitat ta' provvista għas-sena 1986, il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, rigward ix-xogħol finanzjarju, ikun fid-9.30 p.m. kull meta l-Kamra tiltaqa' fil-għaxija; u li f'dawn is-seduti l-ħin ta' l-aġġornament ma jitteħidx.

3. Illi fil-jiem tal-Kumitati ta' Provvista:

(a) Uffiċjali pubbliċi u oħrajn, kif indikati minn Ministru, jistgħu jieħdu parti biex iwieġbu mistoqsijiet u jagħtu tagħrif skond kif ikunu diretti minn Ministru.

(b) Meta fuq l-agenda jkun hemm il-voti ta' żewġ Ministeri li ma jaqgħux taħt l-istess Ministru:

(i) Il-ħin tad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn iż-żewġ Ministeri;

(ii) Kull Ministru, jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern.

(iii) Wara li tispiċċa d-diskussjoni fuq il-voti ta' l-ewwel Ministeru ma ssir l-ebda mistoqsija mill-president tal-Kumitat; u l-Kumitat jgħaddi minnufih għad-diskussjoni dwar il-voti tat-tieni Ministeru;

(iv) Fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-Xogħol Finanzjarju, il-President tal-Kumitat iqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti ta' l-estimi kif jidhru fuq l-agenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, dwar iż-żewġ ministeri;

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqiegħdu wkoll għall-vot mingħajr diskussjoni;

(v) Il-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu x'ħin tispiċċa jintalbu, jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni dwar iż-żewġ ministeru; u l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

(c) Illi fil-jum tal-Kumitat ta' Provvista li fih ikunu diskussi l-voti ta' Ministeru wieħed, id-diskussjoni fil-Kumitat ma għandhiex tieħu aktar mill-ewwel nofs tas-seduta u li dan il-ħin jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs tas-seduta, u li dan il-ħin jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs bħall-Gvern; u

wara dan il-ħin il-Kamra tgħaddi minufih għall-estimi supplimentari ta' l-1985 sad-9.30 p.m., u wara l-konsiderazzjoni ta' dawn l-estimi Supplimentari (skond C) il-Kamra tirriżolvi ruħha f'Kumitat ta' Provvista il-voti ta' l-estimi, bil-proviso ta' 3(b) (iv) u bl-ewwel votazzjoni wara ħames minuti li tintalab u l-votazzjonijiet l-oħra jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

(d) Illi fil-jum tal-Kumitat ta' Provvista li fih ikunu diskussi l-voti tal-Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Ministru ta' l-Edukazzjoni, il-ħin tad-diskussjoni għandu jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern u bil-proviso ta' 3(b)(iv), u bl-ewwel votazzjoni wara ħames minuti li tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

4. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jitieħdu kif jidher hawn taħt:

<u>L-Ewwel Jum</u>

**MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET TAL-PARLAMENT**

Vot 15 - Legali

Vot 16 - Kummissjoni Ħidma fil-Qrati

Vot 17 - Servizz Ġudizzjarju

Vot 18 - Reġistru ta' l-Art

Vot 19 - Artijiet

**MINISTERU TAL-FINANZI U TAD-DWANA**

Vot 20 - Finanzi

Vot 21 - Teżor

Vot 22 - Pensjonijiet

Vot 23 - Taxxi Interni

Vot 24 - Uffiċċju ta' l-Awditur

Vot 25 - Ċentru tal-Computer

Vot 26 – Dwana

It-Tieni Jum

**MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U DJAR**

Vot 27 - Xogħlijiet u Sport

Vot 28 - Ilma

Vot 29 - Dawl tat-Toroq

Vot 30 - Djar

Vot VI - Ilma

Vot VII - Toroq

Vot VIII - Drenaġġ

Vot XII - Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi

Vot XV - Djar

**MINISTERU TAL-AFFARIJIET BARRANIN**

Vot 37 - Affarijiet Barranin

Vot 38 - Kultura

Vot XI - Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

It-Tielet Jum

**MINISTERU TAX-XOGĦOL U GĦAJNUNA SOĊJALI**

Vot 31 - Ministeru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali

**MINISTERU TAS-SAĦĦA**

Vot 33 - Saħħa u Ambjent

Vot XIII - Saħħa

Ir-Raba' Jum

**MINISTERU TA' L-INVESTIMENT PARASTALI U TAL-POPLU**

Vot 34 - Ministeru ta' l-Investimenti Parastatali u tal-Poplu

Vot I - Telekommunikazzjonijiet

Vot X - Enerġija

**MINISTERU TAT-TURIŻMU**

Vot 35 - Ministeru tat-Turiżmu

Vot IV - Turiżmu

Il-Ħames Jum

**MINISTERU TAL-INDUSTRIJA**

Vot 36 - Ministeru ta' l-Industrija

Vot II - Żvilupp ta' Industriji

**MINISTERU TAL-KUMMERĊ U IPPJANAR EKONOMIKU**

Vot 39 - Ministeru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku

Vot 40 - Statistika

Vot 41 - Kummerċ

Vot 42 - Posta

Is-Sit Jum (nofs seduta)

MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA U SAJD

Vot 43 - Agrikoltura

Vot III  - Agrikoltura u Sajd

Is-Seba' Jum

**PRIM MINISTRU**

Vot  1 - Uffiċċju tal-President

Vot 2 - Kamra tad-Deputati

Vot 3 - Uffiċċju tal-Prim Ministru

Vot 4 - Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

Vot 5 - Avjazzjoni Civili

Vot 6 - Portijiet

Vot V - Żvilupp ta' l-Ajruport

Vot IX - Żvilupp tal-Port

Vot XVI - Spiża Kapoitali Straordinarja

**MINISTERU TA' L-INTERN**

Vot 77 - Ministeru ta' l-Intern

Vot 8 - Forzi Armati ta' Malta

Vot 9 - Pulizija

Vot 10 - Ħabs

**MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI**

Vot 11 - Edukazzjoni

Vot 12 - Libreriji

Vot 13 - Informazzjoni

Vot 14 - Segretarjat għal Għawdex

Vot XIV - Edukazzjoni

C. **Estimi Supplimentari 1985**

(1) Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1985, ikun, jekk meħtieġ, eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u ddikjarat urġenti, biex l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu fl-istess seduta; u

(2) Illi d-diskussjoni fuq dawn l-estimi ma għandhiex tieħu aktar min-nofs seduta bil-ħin maqsum indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern u fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, li jkun fid-9.30 p.m. jew skond A(1), għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm ix-xogħol kollu finanzjarju dwar dawn l-estimi:

Iżda Ministeru jista' f'kull ħin iressaq emendi li jitqiegħdu għall-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u

(3) Illi l-votazzjonijiet kollha li jistgħu jintalbu fuq dawn l-estimi, jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, billi l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra jittieħdu immedjatament warajha; u

(4) Illi wara li jgħaddu dawn l-estimi u fl-istess seduta, il-Kamra terġa' tirriżolvi ruħha f'Kumitat ta' Provvista dwar l-estimi għas-sena 1986, skond B(3)(c)

D. **<u>Appropjazzjoni għas-sena 1986</u>**

(1) Illi l-Abbozz ta' Liġi dar l-Approprjazzjoni għas-sena 1986 jekk meħtieġ ikun eżenti mill-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u ddikjarat urġenti biex l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu fl-istess seduta; u

(2) Illi d-diskussjonsi fuq ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza l-għoti mill-Fond Konsolidat u fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar din l-Approprjazzjoni, fl-istadji tiegħu kollha, ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda fil-ħin maqsum indaqs bejn Il-Gvern u Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern u bil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol fid-9.30 p.m. meta titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm dan ix-xogħol finanzjarju, bil-proviso ta' C(2) u skond C(3).

29.11.85